MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' interess Uffiċjali ta' Sapport Amministrattiv fil-Kulleġġi tal-Istat

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jixtiequ li jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għas-Servizz' bħala Uffiċjali ta' Sapport Amministrattiv fil-Kulleġġi tal-Istat.

L-applikanti se jkunu meħtieġa biex jipprovdu sa ħmistax-il siegħa (15) ta' servizz fil-ġimgħa. Rimunerazzjoni se tkun sa €12.00 (mingħajr VAT) fis-siegħa skont il-kwalifiki u l-esperjenza.

Kunsiderazzjoni dovuta se tingħata lill-applikanti li jagħtu prova ta' esperjenza ta' xogħol fl-ammistrazzjoni tal-iskejjel.

Applikanti eliġibbli se jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u għandhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati oriġinali kif ukoll ċertifikat validu tal-kondotta tal-pulizija.

Mistoqsijiet dwar servizzi speċifiċi meħtieġa u kundizzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' ittra elettronika lil (dg.des.educ@gov.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 2502.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu permezz ta' ittra elettronika lil (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar tal-Erbgħa, 23 ta' April, 2025.

Il-11 ta' April, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru sondaġġi permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat fid-dati li ġejjin:

Il-Gżira – mill-5 sas-16 ta' Mejju, 2025

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Il-11 ta' April, 2025

VSA CEO on (vsa-hr@gov.mt) by not later than Friday, 25th April, 2025.

Late applications will not be considered.

11th April, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of interest Administrative Support Officers in State Colleges

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Administrative Support Officers within State Colleges.

Applicants will be required to provide up to fifteen (15) hours of service per week. Remuneration will be up to €12.00 (excluding VAT) per hour according to qualifications and experience.

Due consideration will be given to applicants who have proven work experience in school administration.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to bring their original certificates with them, as well as a valid police conduct certificate.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (dg.des.educ@gov.mt) or by telephone number 2598 2502.

Expressions of Interest will be received on (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Wednesday, 23rd April, 2025.

11th April, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Gżira – from the 5th to the 16th of May, 2025

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

11th April, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-Ġimgħa, 18 ta' April, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Friday, 18th April, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Volkswagen	UP	Ikħal	GCA725	Is-Swieqi
Volkswagen	Polo	Ikħal	FBL779	San Pawl il-Baħar
Suzuki	JLX	Abjad	BAR815	Birkirkara
Mazda	Demio	Maroon	BCV792	Ir-Rabat
Ford	Focus	Griż	GBO171	Ħad-Dingli
Mercedes	190	Ikħal	DAM346	Il-Marsa
Renault	Megane	Kannella	ACL127	Tal-Ħandaq
Peugeot	206	Aħdar	ACH092	Ħal Qormi
Peugeot	108	Abjad	KQZ162	Ta Xbiex
Suzuki	125	Ikħal	JCO849	In-Naxxar
Mazda	Demio	Griż	OGZ078	In-Naxxar
Mercedes	GLA	Iswed	2CMZ365	Għawdex
Mitsubishi	Colt	Griż	EBZ723	San Ġwann
Ztech	Bike	Abjad	F6904936	Ir-Rabat
Toyota	Tercel	Griż	GBB513	Ħal Qormi

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Peugeot	Bipper	Abjad	BGV712	Ħal Qormi
Toyota	Yaris	Aħmar	CLY462	Il-Qawra
Lexus	ISZOD	Iswed	DCL224	Pembroke
Mercedes	CLA200	Griż	CHR285	Is-Swieqi
Toyota	Belta	Aħdar	BBT932	Ħal Qormi
Mazda	Demio	Abjad	CEH319	Ħal Qormi
Mitsubishi	Colt	Griż	HBO619	L-Iklin
Suzuki	GSX600F	Ikħal	HBM712	L-Iklin
Peugeot	Partner	Abjad	GAO896	Il-Mellieħa
N/A	Rota bil-mutur	Aħdar	N/A	Ir-Rabat
Ford	Transit	Abjad	*1810	Tal-Ħandaq
AUDI	QZ	Griż	CLY912	Ħaż-Żabbar

Il-11 ta' April, 2025

CENTRAL BUSINESS DISTRICT FOUNDATION

Lista ta' direct contracts mogħtija mis-Central Business District Foundation matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artiklu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03.

11th April, 2025

THE CENTRAL BUSINESS DISTRICT FOUNDATION

List of direct contracts awarded by the Central Business District Foundation during the period between 1st January, 2024, and 31st December, 2024, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

Il-11 ta' April, 2025

11th April, 2025

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	CBD/DIR/001	Supply of CCTV Cameras	4/10/2024	Alberta	25,701
2	CBD/DIR/002	Insurance Services	19/09/2024	Mediterranean Insurance Brokers	16,103
3	CBD/DIR/003	Construction and Maintenance of Roads	28/11/2024	Andrew Muscat	29,375
4	CBD/DIR/004	Provision of Land Transport Services at the Central Business District	31/12/2024	Malta Public Transport	77,165

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2025

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tnejn, 28 ta' April, 2025, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Imqabba, Triq il-Parroċċa, L-Imqabba, fil-5.00 p.m.

MQABBA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting 2025

The Mqabba Local Council notifies that the annual locality meeting is scheduled for Monday, 28th April, 2025, at the Mqabba Local Council's office in Triq il-Parroċċa, Mqabba, starting at 5.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar reġistru elettorali tal-lokalità huma mistiedna jattendu.

Matul din il-laqgħa, se jingħata rendikont tal-ħidma tal-kunsill matul is-sena li għaddiet kif ukoll pjanijiet għas-snin li ġejjin.

Wara, ir-residenti jkollhom iċ-ċans iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Il-11 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Laqgħa tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf li r-residenti huma mistiedna għal-laqgħa tal-lokalità li se ssir fl-uffiċini tal-kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' April, 2025, fis-6.00 p.m.

L-aġenda tinkludi l-qari u l-approvazzjoni tal-minuti, ir-rapport amministrattiv għas-sena 2024 u rendikont finanzjarju għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru, 2024.

Il-11 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI QRENDI

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali l-Qrendi jgħarraf illi vettura li kienet ipparkjata għal ħafna żmien fi Triq Francesco Buhagiar tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni BCS607 bil-liċenzja skaduta, ġiet ittowjata fl-4 ta' April, 2025, u meħuda għand Tar-Robba Recycling Plant f'Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-Avviż Legali ta' Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru.

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skreppjata.

NPS Report: 5/POL/2337/2025

Il-11 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li mid-9.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' April, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' April, 2025, Misraħ Santa Venera se jkun magħluq għat-traffiku u parkeġġ.

Il-11 ta' April, 2025

All residents listed on the locality's electoral register are invited to attend.

The agenda will cover a review of the local council's activities over the past year and discuss future plans for the locality.

Following this, residents will have the opportunity to share their suggestions and concerns for the consideration of the local council.

11th April, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Marsaskala Local Council notifies the residents that they are invited to the locality meeting being held on Tuesday, 15th April, 2025, at 6.00 p.m. at the council's office.

The agenda includes the reading and the approval of the minutes, the 2024 administrative report and a financial statement for the year ending on the 31st of December, 2024.

11th April, 2025

QRENDI LOCAL COUNCIL

Towing of Vehicle

The Qrendi Local Council notifies that a vehicle of BMW model with number plates BCS607 that was parked for a long time in Triq Francesco Buhagiar with an expired licence, was towed on the 4th of April, 2025, and taken to Tar-Robba Recycling Plant in Ħal Kirkop, after being notified for eight days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 as amended by the Legal Notice of Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

NPS Report: 5/POL/2337/2025

11th April, 2025

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Santa Venera Local Council notifies that from 9.00 a.m. of Thursday, 17th April, 2025 to 2.00 a.m. of Friday, 18th April, 2025, Misraħ Santa Venera will be closed to traffic and parking.

11th April, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 25 ta'April, 2025.

Avviż Nru 5. Kiri tale quale għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' xelter fis-Sur San Lazzru, lil hemm minn Triq il-Mediterran, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.124/66/A. Dan il-fond huwa fl-istat li jinsab fih inklużi d-difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €42,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 6. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru 33, (qabel Nru 8), Triq is-Sliem, Il-Marsa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 231_81_6_8. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,250 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mija u ħamsin ewro (€4,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 7. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' Garaxx f'Nru 108, Triq Dom Mintoff, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2023_0515. Din il-proprjetà hija f'kundizzjoni tale quale u hija fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 8. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru 151, Triq il-Fran, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 68_90_A. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Friday, 25th April, 2025.

Advt No. 5. Lease tale quale for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a shelter in Saint Lazarus Bastion off Triq il-Mediterran, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.124/66/A. This premises is in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €42,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand euro (€14,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 6. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 33 (formerly No. 8) Triq is-Sliem, Marsa, as shown edged in red on the plan P.D.231_81_6_8. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,250 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of four thousand and seven hundred and fifty euro (€4,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 7. Lease for a period of fifteen (15) years of a Garage at No. 108, Triq Dom Mintoff, Cospicua, as shown edged in red on the plan P.D. 2023_0515. This property's condition is tale quale, in its present state including any latent defects. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand euro (€4,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 8. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 151, Triq il-Fran, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.68_90_A. The airspace of the shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-

għall-ammont ta' €29,235 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disat elef u seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€9,775) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 9. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fl-Irdum ta' Zekkenija, l-Imġarr, Malta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2024_0967. Din il-proprjetà tista' tkun suġġetta għal servitujiet eżistenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tlieta u sebgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€173.22) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 10. Bejgħ tale quale ta' sit li jinsab adjaċenti mal-Fond f'Nru 9, Triq San Mark, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.216_81_13_B. Dan is-sit huwa suġġett għall-servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €11,520 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u wieħed u ħamsin elf u seba' mija u erbgħa u għoxrin ewro (€251,724) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

bond for an amount of €29,235 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine thousand and seven hundred and seventy-five euro (€9,775) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 9. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at L-Irdum ta' Zekkenija, Mġarr, Malta, as shown edged in red on plan P.D.2024_0967. This property maybe subject to any existing servitudes. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and seventy-three euro and twenty-two cents (€173.22) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 10. Sale tale quale of a site which is situated adjacently to the premises at No. 9, Triq San Mark, St Julian's, as shown edged in red on the plan P.D.216_81_13_B. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,520 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of two hundred and fifty-one thousand and seven hundred and twenty-four euro (€251,724) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa għal Kwotazzjonijiet– Provvediment ta' Servizzi ta' Aluminium Repairer

Ref: CFQ/FES/012/2025

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qiegħda titlob kwotazzjonijiet għall-għoti ta' Servizzi ta' Aluminium Repairer. Il-persuna magħżula għandha tipprovdi s-servizz fuq bażi self-employed u tkun meħtieġa li tipprovdi sapport lill-Uffiċċju Prinċipali tal-FES u ċ-ċentri ta' childcare, Klabb 3-16 u Skolasajf li jaqgħu taħtha.

Il-persuna li tapplika, minn hawn 'il quddiem, hekk imsejħa 'provditur tas-servizz', tkun suġġetta għal evalwazzjoni tal-prestazzjoni matul il-perjodu tal-kuntratt. Prestazzjoni mhux sodisfaċenti tista' twassal li l-kuntratt jiġi terminat skont il-proċeduri u prattiki stabbiliti.

1. Sfond

1.1 L-FES hija entità pubblika fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Hija tiffaċilita l-konnessjoni bejn it-tagħlim formali u informali fuq bażi nazzjonali permezz ta' firxa wiesgħa ta' inizjattivi edukattivi.

2. Perjodu tal-Kuntratt u t-Termini tal-Ħlas

2.1 Is-servizz se jingħata b'kuntratt għal perjodu ta' sena.

2.2 Is-servizz ikun meħtieġ kull meta tinqala' ħsara relatata ma' xogħol tal-aluminju fiċ-ċentri. Il-ħinijiet tal-ftuħ taċ-ċentri huma dawn:

Ċentri Childcare: mis-7.30 a.m. sal-4.00 p.m.

Ċentri Klabb 3-16: mill-ħin tal-għeluq tal-iskola (madwar 2.30 p.m.) sas-6.00 p.m.

Ċentri Klabb 3-16 (vaganzi skolastiċi inkluż il-perjodu ta' SkolaSajf): mis-7.00 a.m. sal-5.30 p.m.

Ċentri SkolaSajf: mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m.

Id-dati tal-vaganzi skolastiċi u l-perjodu ta' SkolaSajf jiġu kkomunikati aktar 'il quddiem.

Il-FES għandha tipprovdi lill-provditur tas-servizz b'job sheet li għandha tiġi ffirmata mill-kordinatur taċ-ċentru mat-tlestija tax-xogħol rikjest.

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Call for Quotations – Provision of Aluminium Repair Services

Ref: CFQ/FES/012/2025

The Foundation for Educational Services (FES) is hereby is requesting quotations for the provision of Aluminium Repair Services. The selected applicant shall provide the service on a self-employed basis and shall be required to provide support to the entity's Head Office, childcare centres, Klabb 3-16 centres and Skolasajf centres.

The selected applicant herein afterwards referred to as 'service provider', shall be subject to standards of performance and expected outputs during the contract period, and unsatisfactory performance may lead to termination of the contract according to established procedures and good practice.

1. Background

1.1 The FES is a public entity within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. It facilitates the link between formal and informal teaching on a national level by providing a range of innovative educational initiatives

2. Duration of the Contract and Payment Terms

2.1 The services will be provided on contract for a period of one year.

2.2 The service will be required whenever an issue related to aluminium repair crops up within the centres. The operational hours of our centres are as follows:

Childcare centres: from 7.30 a.m. to 4.00 p.m.

Klabb 3-16 centres: from school dismissal time (approx. 2.30 p.m.) to 6.00 p.m.

Klabb 3-16 centres (scholastic holidays including SkolaSajf period): From 7.00 a.m. to 5.30 p.m.

SkolaSajf centres: From 8.30 a.m. to 12.30 p.m.

The scholastic holiday dates and the SkolaSajf period shall be communicated closer to date.

FES shall be providing the serviced provider with a job sheet which shall be signed by the centre coordinator upon job completion.

2.3 Il-perjodu tal-kuntratt għandu jibda fl-aħħar data tal-iffirmar tal-ftehim tal-kuntratt, jew meta tinħareġ il-commencement order mill-FES, skont liema jiġi l-aħħar.

2.4 Il-provditur tas-servizz għandu jinżamm responsabbli, kif applikabbli, li jħallas kull forma ta' taxxi u/jew kontribuzzjonijiet oħra li joħorġu minn u li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-ftehim ta' kuntratt u dan skont il-leġiżlazzjoni prevalenti f'Malta. Il-provditur tas-servizz huwa responsabbli li jħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, taxxa fuq id-dħul, VAT u kull dritt/taxxa oħra li tista' tkun applikabbli.

2.5 Il-ħlas mill-FES għas-servizz kuntrattat għandu jsir b'lura kull l-aħħar tax-xahar mal-preżentazzjoni ta' fattura maħruġa, debitament iffirmata mill-provditur tas-servizz li għandha tiġi ċertifikata korretta minn rappreżentant tal-FES li japprova li x-xogħol ikun sar.

2.6 Il-FES tirriżerva d-dritt li tannulla din is-sejħa u tirrifjuta s-sottomissjonijiet kollha mingħajr ma tinżamm responsabbli mill-applikanti affettwati. F'dan il-każ l-FES mhix obbligata tagħti l-ebda raġuni għal din id-deċiżjoni.

3. Terminazzjoni tas-Servizz

3.1 L-FES tirriserva d-dritt li ttemm dan il-kuntratt qabel iż-żmien, wara li tingħata ġimgħa avviż minn qabel, mingħajr il-bżonn ta' ġustifikazzjoni.

3.2 Jekk il-provditur tas-servizz itemm is-servizzi tiegħu mhux kif stipulat f'dan il-ftehim, huwa obbligat li jipprovdi avviż ta' ġimgħa. Jekk ma jingħatax dan l-avviż, il-provditur tas-servizz jinżamm responsabbli li jħallas id-danni ekwivalenti ta' ġimgħa ħlas.

4. Servizzi meħtieġa

4.1 Is-servizzi meħtieġa għandhom jinkludu iżda mhux esklussivament limitati għal dawn li ġejjin:

a) Tiswijiet ta' twieqi u ta' bibien – twaħħil ta' frames, serraturi, ċappetti, u seals

b) Sliding doors/windows – issettjar tal-binarji u tibdil tar-rombli

c) Tiswijiet strutturali fuq gradi, xbieki, railings, u panels

d) Soqfa u Gutters – tiswijiet fejn ikun hemm dħul ta' ilma u tibdil ta' folji bil-ħsara

2.3 The contract period shall commence on the last date of signature of the contract agreement, or the commencement order date issued by the Contracting Authority whichever is the latest.

2.4 The service provider shall be held responsible, as applicable, to settle any dues in the form of taxes and/or other contributions arising out of and related to this contract agreement and this in accordance with the prevalent legislation in Malta. The service provider is responsible to pay social security contributions, income tax, VAT and any other dues/taxes that may be applicable.

2.5 Payment by the Contracting Authority for the contracted service shall be made in arrears every end of month upon presentation of an invoice issued, duly signed by the service provider which shall be certified correct by an FES representative approving that the work/s has been carried out.

2.6 The FES reserves the right to annul the Call For Quotation procedure and reject all expressions without thereby incurring any liability to the affected applicants. In so doing the Contracting Authority shall not be liable to provide any reason whatsoever.

3. Termination of Services

3.1 The Contracting Authority reserves the right to terminate this contract with a one week's notice prior to the termination of the contract period, without having to provide any justification.

3.2 If the Service Provider terminates his/her service other than as stipulated within this agreement, he/she is obliged to provide a week's notice. Failure to provide a week's notice the Service Provider would be liable to pay as liquidation damages the equivalent of one week's payment.

4. Services Required

4.1 The services required by the service provider shall include but not exclusively limited to the following:

a) Window and door repairs – fix frames, locks, hinges, and seals

b) Sliding door and window tracks – fix tracks and replace rollers

c) Structural repairs – repair gates, fences, railings, and panels

d) Roofing and guttering – repair leaks and replace damaged sheets

e) Installazzjoni u manifattura tal-aluminju

5. Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

5.1 Il-provditur tas-servizz għandu jissoddisfa dawn ir-rekwiżiti:

a) Ikollu għarfien tajjeb tal-lingwa Maltija u/jew l-Ingliż, kemm fil-qari kif ukoll fil-kitba

b) Jipprovdi prova ta' esperjenza ta' mhux inqas minn 5 snin fis-servizzi ta' tiswija tal-aluminju

c) Jippossjedi Liċenzja tas-Sewqan valida (Kategorija B).

6. Proċedura ta' Applikazzjoni

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt), bin-numru ta' referenza msemmija hawn fuq u d-dokumenti li ġejjin:

CV dettaljat

Kwotazzjoni bbażata fuq rata fis-siegħa. Ir-rata għandha tkun eskluża mill-VAT.

6.2 L-aħħar data għas-sottomissjoni hija l-Ġimgħa, 25 ta' April, 2025. Sottomissjonijiet li jaslu tard mhux se jiġu aċċettati. Kull metodu ieħor ta' sottomissjoni mhux se jkun aċċettat.

6.3 Il-kuntratt se jingħata lill-irħas offerta konformi u se jibqa' validu għal perjodu ta' sena (1) jew sakemm jintlaħaq il-limitu ta' €4,999 eskluża l-VAT, liema jasal l-ewwel.

Il-11 ta' April, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressioni ta' Interess (Ref. 25/116)

Espressjoni ta' Interess għall-Provvista ta' Kotba bl-Ingliż u Lingwi Barranin bi Skont, bl-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija (Il-Kotba f'Idejk)

Għan

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qed toħroġ Espressjoni ta' Interess numru 25/116 għal kull min huwa pubblikatur, provveditur jew bejjiegħ ta' kotba bl-Ingliż u lingwi barranin (minn hawn 'il quddiem imsejħa "provvedituri") f'Malta u Għawdex. Il-partijiet interessati huma mistennija jipprovdu kotba għat-tfal u/jew għall-iskejjel primarji, medji u sekondarji, kif ukoll l-ekwivalenti tagħhom fl-iskejjel tal-Knisja u dawk indipendenti. Dawn il-kotba u riżorsi se jkunu ffinanzjati kompletament mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

e) Instalment and manufacturing of aluminium

5. Eligibility Requirements

5.1 The service provider applicable must :

a) Possess a good command of the Maltese and/or English language, both in reading and writing

b) Provide evidence of not less than 5 years' experience in aluminium repair service

c) Valid driving licence (B).

6. Application Procedure

6.1 Applications are to be sent via email on (procurement.fes@gov.mt) quoting the reference number stipulated above and including the following documentation:

a detailed CV

Quotation to be submitted based on a rate per hour basis. Rate is to be exclusive of VAT.

6.2 Deadline for submission is Friday, 25th April, 2025. Late submissions shall not be accepted. Any other method of submission shall not be accepted.

6.3 Contract will be awarded based on cheapest compliant quotation and shall be valid for a period of one (1) year or by when the threshold of €4,999 excl. VAT is reached.

11th April, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of Interest (Ref. 25/116)

Expression of Interest for Discounted Supply of Books in English and Foreign Languages under the Library Collection Development Scheme (Readers)

Aim

The National Literacy Agency is issuing an Expression of Interest (EOI ref. no. 25/116) to all publishers, providers, and sellers of books in English and foreign languages (henceforth referred to as "suppliers") in Malta and Gozo. Interested parties are expected to provide books for children and/or school libraries at the primary, middle and secondary school level and their equivalent for church and non-state schools. These books and resources will be fully sponsored by the National Literacy Agency.

Skop

Din l-Espressjoni ta' Interess hija marbuta direttament mal-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija, programm li joffri vawċers biex takkwista l-kotba. L-ammont stabbilit għal kull skola huwa sa €2,100 (VAT inkluża). L-ammont allokat lil kull skola jiġi determinat u rivedut kull sena mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Il-provvedituri interessati għandhom ikunu operattivi f'Malta u Għawdex jew ikollhom fergħa operattiva fil-Gżejjer Maltin, b'mod li jkunu jistgħu jipprovdu kotba u riżorsi, fi żmien sitt ġimgħat minn meta tinħareġ l-ordni lokali tax-xiri (LPO).

Il-provvedituri interessati għandhom jippreżentaw kwotazzjoni li tindika l-iskont li qed joffru lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, li m'għandux ikun inqas minn 25%. Din hija Espressjoni ta' Interess miftuħa u jistgħu jintgħażlu diversi provvedituri. L-evalwazzjoni se tqis l-aħjar skontijiet offruti lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu filwaqt li tiżgura varjetà ta' kotba. Il-provvedituri għandhom jipprovdu lista dettaljata tal-kotba disponibbli, filwaqt li jiżguraw li l-iskont offrut japplika wkoll għal pubblikazzjonijiet ġodda li jistgħu ma jkunux fil-katalgu eżistenti tagħhom.

Metodu tal-Akkwist

1. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tinforma lill-iskejjel kollha dwar il-vawċers biex takkwista l-kotba bl-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija wara li jingħalaq il-proċess ta' evalwazzjoni u jintgħażlu l-provvedituri. Il-provvedituri magħżula jissemmew f'din il-komunikazzjoni uffiċjali.

2. Kull skola għandha titlob kwotazzjonijiet għall-kotba u r-riżorsi skont l-ammont allokat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. Il-kwotazzjonijiet jistgħu jintalbu biss mingħand il-provvedituri eliġibbli magħżula minn din l-Espressjoni ta' Interess, filwaqt li jissemmew kemm l-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija kif ukoll l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għall-iskont eliġibbli.

3. Wara li jingħalqu l-kwotazzjonijiet, l-iskola toħroġ ordni ta' xiri biex takkwista l-kotba minn min jirbaħ is-sejħa.

4. Il-provvedituri magħżula għandhom jipprovdu skont fuq il-kotba li jinxtraw mill-iskola b'din l-iskema, skont l-offerta tagħhom u l-ordni ta' xiri korrispondenti.

5. Il-provvedituri għandhom joħorġu invoice, kemm lill-iskola kif ukoll lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, biex titħallas il-kunsinna. Kull invoice għandha tinkludi:

Scope

This EOI is directly linked to the Library Collection Development Scheme, a programme designed to fully sponsor school libraries with book acquisition vouchers of up to €2,100, including VAT, per school. The amount each school is allocated under this scheme is determined and revised annually by the National Literacy Agency.

Interested suppliers must be operative in Malta and Gozo or have an operational branch on the Maltese Islands capable of supplying books and resources within six weeks from the issuance of a local purchase order (LPO).

Interested suppliers shall provide a quotation indicating the discount they are offering to the National Literacy Agency (NLA), which must not be lower than 25%. This is an open Expression of Interest (EOI), and multiple suppliers may be selected. The evaluation process will consider the most beneficial discounts provided to the NLA while ensuring a diverse range of books. Interested suppliers shall provide the NLA with a comprehensive list of available books, ensuring that the offered discount also applies to the latest publications, including newly released titles that may not yet be included in their existing catalogue.

Method of Procurement

1. Each school shall be formally informed by the National Literacy Agency about its book acquisition vouchers under the Library Collection Development Scheme after the closure of this EOI and the evaluation and selection of suppliers. The selected suppliers shall be named in this formal communication.

2. Each school shall request quotations for books and resources within the allocated amount from the National Literacy Agency. Requests for quotations shall only be sent to eligible suppliers selected through this EOI, mentioning the Library Collection Development Scheme and presenting the formal letter of communication by the NLA for the eligible discount.

3. Upon closure of the quotation requests, the school shall issue a purchase order to procure the books from the winning bidder(s).

4. The selected suppliers must provide a discount on the books purchased by the school under this scheme, as per their bid and the corresponding purchase order.

5. The suppliers shall issue invoices to both the school and the National Literacy Agency so that the latter can process payment for the items purchased. Each invoice should include:

a) Il-prezz tal-prodott mixtri, VAT inkluża,

b) L-iskont mogħti skont il-ftehim tal-Espressjoni ta' Interess,

c) Il-prezz finali, VAT inkluża,

d) L-invoice għandha tkun indirizzata lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, ikkupjat l-isem tal-iskola,

e) Kopja tal-LPO.

Żmien Stipulat

Din l-Espressjoni ta'Interess tibqa'miftuħa sa sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati, b'possibbiltà ta' tiġdid. Kull provveditur magħżul jingħata kuntratt ta' sitt xhur għall-perjodu tal-Espressjoni ta' Interess.

Sottomissjoni

Il-provvedituri interessati huma mistiedna jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 30 ta' April, 2025, f'nofsinhar. Is-sottomissjonijiet li jidħlu tard mid-data msemmija ma jiġux aċċettati.

Aktar informazzjoni tista'tinkiseb minn:

Is-Sezzjoni tal-Akkwisti
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu
Triq Ġużè Abela Scolaro,
Il-Ħamrun HMR 1304
Numru tat-telefown: 2598 3302

Il-11 ta' April, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressioni ta' Interess (Ref. 25/117)

Espressjoni ta' Interess għal-Provvista ta' Kotba bil-Malti bi Skont, bl-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija (Il-Kotba f'Idejk)

Għan

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qed toħroġ Espressjoni ta' Interess numru 25/117 għal kull min huwa pubblikatur, provveditur jew bejjiegħ ta' kotba bil-Malti (minn hawn 'il quddiem, imsejħa "provvedituri") f'Malta u Għawdex. Il-partijiet interessati huma mistennija jipprovdu kotba għat-tfal u/jew għall-iskejjel primarji, medji u sekondarji, kif ukoll u l-ekwivalenti tagħhom fl-iskejjel tal-Knisja u dawk indipendenti. Dawn il-kotba u riżorsi se jkunu ffinanzjati kompletament mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

a) The item's retail price inclusive of VAT,

b) the discount given as per agreement for the Expression of Interest,

c) the resulting price inclusive of VAT,

d) The invoice shall be addressed to the National Literacy Agency, c/o (school name),

e) Photocopy of LPO.

Duration

The duration of this EOI is six months from the publication of awards, with the possibility of reissue. Each selected supplier be offered a six-month contract for the duration of this EOI.

Submission

Interested suppliers are invited to submit their applications by not later than Wednesday, 30th April, 2025 at noon. Late submissions will not be accepted.

Further inquiries may be obtained from:

Procurement Section
National Literacy Agency
National Literacy Centre
Triq Ġużè Abela Scolaro
Ħamrun HMR 1304
Telephone number: 2598 3302

11th April, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of Interest (Ref. 25/117)

Expression of Interest for Discounted Supply of Books in Maltese Under the Library Collection Development Scheme (Readers)

Aim

The National Literacy Agency is issuing an Expression of Interest (EOI Ref. no. 25/117) to all publishers, providers, and sellers of books in Maltese (henceforth referred to as "suppliers") in Malta and Gozo. Interested parties are expected to provide books for children and/or school libraries at the primary, middle and secondary school level and their equivalent for church and non-state schools. These books and resources will be fully sponsored by the National Literacy Agency.

Skop

Din l-Espressjoni ta' Interess hija marbuta direttament mal-Iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija, programm li joffri vawċers biex takkwista l-kotba. L-ammont stabbilit għal kull skola huwa sa €2,100 (VAT inkluża). L-ammont allokat lil kull skola jiġi determinat u rivedut kull sena mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Il-provvedituri interessati għandhom ikunu operattivi f'Malta u Għawdex jew ikollhom fergħa operattiva fil-Gżejjer Maltin, b'mod li jkunu jistgħu jipprovdu kotba u riżorsi, fi żmien sitt ġimgħat minn meta tinħareġ l-ordni lokali tax-xiri (LPO).

Il-provvedituri interessati għandhom jippreżentaw kwotazzjoni li tindika l-iskont li qed joffru lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, li m'għandux ikun inqas minn 25%. Din hija Espressjoni ta' Interess miftuħa u jistgħu jintgħażlu diversi provvedituri. L-evalwazzjoni se tqis l-aħjar skontijiet offruti lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu filwaqt li tiżgura varjetà ta' kotba. Il-provvedituri għandhom jipprovdu lista dettaljata tal-kotba disponibbli, filwaqt li jiżguraw li l-iskont offrut japplika wkoll għal pubblikazzjonijiet ġodda li jistgħu ma jkunux fil-katalgu eżistenti tagħhom.

Metodu tal-Akkwist

1. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tinforma lill-iskejjel kollha dwar il-vawċers biex takkwista l-kotba bl-iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija wara li jingħalaq il-proċess ta' evalwazzjoni u jintgħażlu l-provvedituri. Il-provvedituri magħżula jissemmew f'din il-komunikazzjoni uffiċjali.

2. Kull skola għandha titlob kwotazzjonijiet għall-kotba u r-riżorsi skont l-ammont allokat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. Il-kwotazzjonijiet jistgħu jintalbu biss mingħand il-provvedituri eliġibbli magħżula minn din l-Espressjoni ta' Interess, filwaqt li jissemmew kemm l-iskema tal-Iżvilupp tal-Kollezzjoni tal-Librerija kif ukoll l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għall-iskont eliġibbli.

3. Wara li jingħalqu l-kwotazzjonijiet, l-iskola toħroġ ordni ta' xiri biex takkwista l-kotba minn min jirbaħ is-sejħa.

4. Il-provvedituri magħżula għandhom jipprovdu skont fuq il-kotba li jinxtraw mill-iskola b'din l-iskema, skont l-offerta tagħhom u l-ordni ta' xiri korrispondenti.

5. Il-provvedituri għandhom joħorġu invoice, kemm lill-iskola kif ukoll lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, biex titħallas il-kunsinna. Kull invoice għandha tinkludi:

Scope

This EOI is directly linked to the Library Collection Development Scheme, a programme designed to fully sponsor school libraries with book acquisition vouchers of up to €2,100, including VAT, per school. The amount each school is allocated under this scheme is determined and revised annually by the National Literacy Agency.

Interested suppliers must be operative in Malta and Gozo or have an operational branch on the Maltese Islands capable of supplying books and resources within six weeks from the issuance of a local purchase order (LPO).

Interested suppliers shall provide a quotation indicating the discount they are offering to the National Literacy Agency (NLA), which must not be lower than 25%. This is an open Expression of Interest (EOI), and multiple suppliers may be selected. The evaluation process will consider the most beneficial discounts provided to the NLA while ensuring a diverse range of books. Interested suppliers shall provide the NLA with a comprehensive list of available books, ensuring that the offered discount also applies to the latest publications, including newly released titles that may not yet be included in their existing catalogue.

Method of Procurement

